# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Ottubru, 2019.**

**Numru 12**

**Rikors numru 12/13PC**

**Andrea Muscat**

**v.**

**Charles Paul Muscat**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut Charles Paul Muscat mis-sentenza moghtija fil-21 ta' Novembru 2018 [is-sentenza appellata], mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet kif gej:

> "1. Bi ftehim bejn il-partijiet, il-kura u kustodja tal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet;

“2. Tichad it-tieni talba in vista tal-fatt tal-ewwel decizjoni;

“3. Tordna lill-konvenut jibqa’ jhallas lill-attrici ghal uliedu minuri retta alimentari, li tinkludi sehmu mill-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni, fis-somma ta’ tliet mitt euro (€300) fix-xahar sa tliet snin ohra, liema somma ghandha mbaghad tizdied b’hamsin euro (€50) kull sena wara u sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax-il sena. F’kaz li t-tfal ikomplu bl-istudji taghhom wara li jilhqu l-eta` taghhom, nofs din ir-retta alimentari, pero` b’mhux aktar zidiet, trid tibqa’ tithallas lil kull wiehed/wahda minnhom sakemm jaghlqu t-tlieta u ghoxrin (23) sena jew jibdew jahdmu f’impjieg fiss, skont liema tigi l-ewwel;

“4. Tiffissa l-granet u l-hinijiet tal-access tal-missier ghal uliedu minuri skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet li gie nkorporat f’din is-sentenza kif indikat hawn fuq.

“Dwar it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut:

“1. Bi ftehim bejn il-partijiet, il-kura u kustodja tal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat ghandha tibqa’ kongunta bejn il-partijiet;

“2. Tichad it-tieni talba;

“3. Tiffissa l-granet u l-hinijiet tal-access tal-missier ghal uliedu minuri skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet u li gie nkorporat izjed ‘l fuq f’din is-sentenza.

“L-ispejjez tal-kawza, kif ukoll tal-kontro-talba, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-partijiet.”

<u>Il-fatti</u>

2. Din il-kawza hi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat ulied il-kontendenti, kif ukoll il-manteniment mensili u l-access. Il-minuri Sven twieled fl-14 ta’ Marzu 2008 u l-minuri Nirvana twieldet fit-23 ta’ April 2009 minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn il-

partijiet[1]. Dik ir-relazzjoni spiccat madwar sentejn qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri sabiex b'hekk l-attrici Andrea Muscat [l-attrici] hadet il-kura tal-minuri u sabet residenza alternattiva ghaliha u ghalihom, filwaqt li l-konvenut kellu access ghall-istess minuri. Il-partijiet ittentaw jilhqu ftehim permezz tal-process ta' medjazzjoni dwar il-kura u l-kustodja ta' uliedhom, kif ukoll tal-manteniment taghhom u l-access, izda ma rnexxilhomx.

Mertu

3. Ghalhekk l-attrici fethet dawn il-proceduri permezz ta' rikors guramentatipprezentat fit-28 ta' Mejju 2013, fejn talbet lill-ewwel Qorti:

"1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat f'idejn l-attrici Andrea Muscat.

"2. Tawtorizza lill-attrici Andrea Muscat sabiex tiehu kull decizjoni li tirrigwarda l-interessi tal-imsemmija minuri inkluz l-edukazzjoni, s-sahha, r-religjon u l-harsien taghhom.

"3. Tordna lill-konvenut Charles Paul Muscat jhallas lill-attrici dik is-somma li tiffissa din l-Onorabbli Qorti bhala manteniment xieraq ghall-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat.

"4. Tiffissa l-granet u l-hinijiet tal-access tal-konvenut Charles Paul Muscat mal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat.

"Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fl-interess suprem tal-minuri."

[1] Ara certifikati tat-twelid a fol. 5 u 6 rispettivament.

4. Il-konvenut ipprezenta r-risposta guramentata tieghu fid-19 ta' Lulju 2013, fejn eccepixxa li l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda ghaliex l-attrici ma kinitx f'posizzjoni li tiehu l-kura u l-kustodja tal-minuri in kwistjoni, u dan filwaqt li ddikjara li hu ma kienx qed isib oggezzjoni li jhallas manteniment favur uliedu minuri, kellha tittiehed in konsiderazzjoni l-posizzjoni finanzjarja tieghu u wkoll l-introjtu ferm ahjar tal-attrici. Il-konvenut ressaq ukoll kontro-talba fejn talab l-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sven Muscat u Nirvana Muscat esklussivament f'idejn il-konvenut rikonvenjenti;
>
> "2. tordna sabiex l-attrici rikonvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment xieraq ghall-ulied u ghalhekk tigi ffissata retta alimentarja mensili li l-attrici rikonvenuta ghandha tigi ordnata thallas lill-konvenut rikonvenjent kull xahar;
>
> "3. Tiffissa l-granet u l-hinijiet tal-access tal-attrici rikonvenuta mal-minuri."

5. L-attrici wiegbet ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut billi sostniet li fl-interess suprem tal-minuri l-kura u l-kustodja taghhom kellha tkun fdata lilha wahedha, u ghalhekk dawk it-talbiet kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Fis-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru 2018, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi din il-kawza tirrigwarda zewgt itfal minuri li l-partijiet kellhom minn relazzjoni extra-maritali. It-tifel illum ghandu ghaxar snin, u t-tifla disa' snin. Il-partijiet ghamlu xi zmien jirrisjedu flimkien ma' uliedhom f'appartament ix-Xlendi, sakemm, wara li r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret, bdew il-proceduri presenti biex jigu regolati l-kura, kustodja, access u manteniment taghhom.*

*"Matul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza inghataw diversi digrieti biex provizorjament jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-partijiet ma' uliedhom.* Pendente lite *t-tfal kienu qed jirrisjedu mal-omm, bil-missier igawdi access regolari ghalihom. Ghall-ewwel, il-missier kien qed ihallas retta alimentari lill-omm ghal uliedu fis-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar, bil-genituri jaqsmu l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni taghhom [fn. 1 Ara digriet tas-17 ta' Ottubru 2013]. Sussegwentement, u peress li kien qed ikun hemm ta' spizz disgwid dwar il-*quantum *ta' dawn l-ispejjez, inghata digriet iehor fejn ir-retta alimentari pagabbli mill-missier lill-omm ghall-ulied minuri giet awmentata ghal tliet mitt euro (€300) fix-xahar, biex tkompri ukoll l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni [fn. 2 Ara digriet tad-9 ta' Dicembru 2015].*

*"Illum il-gurnata jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-kura u kustodja tal-ulied, u l-modalitajiet tal-access tal-missier ghalihom. Infatti l-partijiet ipprezentaw Nota konguntiva dwar ftehim f'dan ir-rigward u talbu li dan jigi inkorporat f'din is-sentenza [fn. 3 Ara Nota tat-8 ta' Awwissu 2018]."*

… [Hawn l-ewwel Qorti nizzlet dak li ftehmu fuqu l-partijiet permezz ta' dik in-nota.]…

*"Jonqos biss ghalhekk li tigi ttrattata u deciza l-kwistjoni tal-manteniment. L-attrici tikkontendi li tliet mitt euro (€300) fix-xahar li hija qed tircievi prezentement minghand missier il-minuri bhala retta alimentari li tinkludi wkoll l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni, mhumiex bizzejjed u trid li din tigi awmentata, tenut wkoll il-fatt li t-tfal qeghdin jikbru u kull ma jmur l-ispejjez ghat-trobbija taghhom qeghdin jizdiedu. Min-naha l-ohra l-missier jinsisti li, issa li t-tfal prattikament qeghdin ikunu ghandu daqs kemm jaghmlu ma' ommhom, mhux sewwa li jibqa' jhallas din ir-retta alimentari. Anzi jghid li din ghandha tinqata' ghal kollox. Isemmi li l-attrici ghandha dhul ahjar minn tieghu, u din taghmel ukoll xi xoghol* part time *, mentri huwa dan ma jistax jaghmlu. Dan apparti li l-omm tircievi wkoll ic- Children's Allowance. Jirrileva wkoll li t-tfal tieghu jixtrilhom il-bzonnijiet kollha taghhom kemm*

*idumu mieghu, u anke jhallsilhom ghal xi attivitajiet extra-kurrikulari li l-omm irrifjutat li thallas hi ghax ma taqbilx li t-tfal ghandhom jattendu ghal dawn l-attivitajiet.*

*"Mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar l-access tal-missier ghal uliedu minuri, jirrizulta li matul is-sena skolastika dawn sejrin iqattghu medja ta' jumejn u nofs kull hmistax mieghu. Ma dawn jizdiedu xi granet ohra fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena, fil-birthdays tat-tfal u l-missier, u Jum il-Missier. Fis-sajf imbaghad it-tfal iqattghu erbat ijiem kull hmistax ma' missierhom, u xi jiem ohra fl-okkazzjoni tal-festa tar-rahal. Mhux minnu ghalhekk li t-tfal sejrin iqattghu hin mieghu daqskemm ser ikunu ma' ommhom. Ghalhekk it-talba tal-missier biex titnehha r-retta alimentari kollha li huwa jhallas ghal uliedu mhix gustifikata.*

*"Il-missier huwa mpjegat bhala skrivan mal-Gvern u l-omm tahdem bhala Learning Support Assistant,u ghalhekk bejn wiehed u iehor ghandhom l-istess introjtu, ghalkemm jidher li l-omm taghmel ukoll xi xoghol iehor* part-time, *naturalment sabiex ittejjeb l-introjtu taghha. Il-konvenut jghid li x-xoghol tieghu ma jippermettilux jaghmel hekk ukoll, imma baqa' ma spiegax ghaliex.*

*"Tenut kont li r-retta alimentari attwalment pagabbli trid tkopri ukoll l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni, u li l-ispejjez ghat-trobbija u edukazzjoni tat-tfal kull ma jmur u sakemm jibqghu jiddependu ghal kollox fuq il-genituri taghhom, sejrin jikbru u mhux jonqsu, din ir-retta alimentari ghandha tibqa' dik li hi sa tliet snin ohra, u tizdied b'hamsin euro (€50) kull sena wara u sakemm it-tfal jaghlqu t-tmintax il-sena. F'kaz li t-tfal ikomplu bl-istudji taghhom wara li jilhqu l-eta' taghhom, nofs din ir-retta alimentari, pero' b'mhux aktar zidied, tibqa' tithallas li lkull wiehed/wahda minnhom sakemm jaghlqu t-tlieta u ghoxrin (23) sena jew jibdew jahdmu f'impieg fiss, skont liema tigi l-ewwel."*

<u>L-Appell tal-konvenut</u>

7. Il-konvenut hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti u minnha interpona appell fl-10 ta' Dicembru 2018, fejn talab lil din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tordna li l-ebda manteniment mhu dovut

minghandu. Hu fisser l-aggravju principali tieghu f'dak li l-ewwel Qorti naqset li tibbilancja l-obbligi rispettivi tal-partijiet lejn uliedhom meta ghazlet li tixhet il-piz tal-hlas ta' manteniment fuqu b'mod aktar oneruz.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-konvenut isostni li l-piz tal-hlas tal-manteniment li ghogobha titfa' fuqu l-ewwel Qorti hu ferm u ferm aktar oneruz milli ghandu jkun. Jispjega dan billi jghid li fl-ewwel lok ghalkemm jirrizulta mill-provi li l-partijiet kellhom introjtu regolari li kien kwazi l-istess, l-attrici zzomm il-paga kollha f'idha izda minn tieghu hu kien obbligat li jhallas manteniment ta' €300. Dan minkejja wkoll li l-attrici kienet tircievi introjtu minn xoghol regolari *part-time* u wkoll kienet tircievi l-beneficcji kollha tac-*children's allowance.* Hu, min-naha tieghu, kien ser jibqaghlu f'idu biss €63 u jispjega l-ispejjez mensili tieghu filwaqt li jirrileva li bejn paga, manteniment u *children's allowance* l-attrici kien ser ikollha f'idha €1400.

9. L-ewwel Qorti osservat li bejn wiehed u iehor il-partijiet ghandhom l-istess introjtu. Osservat ukoll li l-omm kellha introjtu minn xoghol *part-time*, izda dan kien naturalment sabiex ittejjeb l-introjtu taghha, izda min-naha tieghu l-konvenut, ghalkemm iddikjara li x-xoghol tieghu ma kienx jippermetti li hu jaghmel l-istess, dan naqas milli jispjega ghalfejn. Din il-Qorti taqbel mal-hsieb tal-ewwel Qorti. Il-konvenut diga` fir-risposta guramentata tieghu quddiem l-ewwel Qorti, filwaqt li accetta li hu kien lest

li jhallas manteniment favur uliedu, talab lil dik l-ewwel Qorti sabiex tikkunsidra l-posizzjoni finanzjarja tieghu u l-introjtu ferm ahjar tal-attrici. Kif osservat l-ewwel Qorti, l-introjtu mix-xoghol *full-time* regolari tal-partijiet hu bejn wiehed u iehor l-istess, izda accettat ukoll li x-xoghol *part-time* tal-attrici kien minghajr dubju intiz sabiex ittejjeb l-introjtu taghha. Din il-Qorti ma tarax ghaliex l-attrici ghandha tigi zvantaggjata fil-hlas tal-manteniment lejn l-ulied ghax-xoghol l-iehor li taghmel meta certament dak li jhallasha l-konvenut ma jistax ikopri l-bzonnijiet kollha tat-tfal minuri. Dan jinghad b'referenza ghan-nota pprezentata mill-attrici b'elenku tal-ispejjez tal-edukazzjoni, fejn dawn wahedhom ghas-sena 2017-2018 ghaz-zewg minuri jirrizultaw f'ammont ta' madwar €190 kull xahar.  Din il-Qorti aktar tqis li l-attrici giet kostretta taghmel xoghol *part-time* sabiex tkopri sahansitra n-nuqqas tal-konvenut.  Ghalhekk ma jistax jippretendi li hi ghandha tkompli titghabba aktar bl-obbligu tal-manteniment ta' uliedhom filwaqt li l-piz ta' dak l-obbligu tieghu jickien.

10. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkunsidra lment iehor tieghu, jigifieri li hu ser jibqalu biss €63 fix-xahar f'idu.  Din il-Qorti ma tarax li dan l-ilment jiggustifika t-tnehhija tal-obbligu tieghu ghall-hlas ta' manteniment ghal uliedu.  Kif sewwa wkoll osservat l-ewwel Qorti, il-konvenut lanqas ittenta jispjega ghaliex hu ma kienx f'posizzjoni li jaghmel xoghol ukoll *part-time* minhabba x-xoghol tieghu sabiex itejjeb il-posizzjoni allegatament prekarja tieghu.  Ma' dan izzid tghid ukoll din il-Qorti ma issibx raguni ghaliex il-konvenut ma jistax isib xoghol iehor bil-ghan li jkollu paga ahjar.

11. Il-Qorti tqis ukoll li jirrizulta li l-konvenut diga` kien ordnat mill-ewwel Qorti sabiex ihallas manteniment provvizorju ta' €200 kull xahar flimkien ma' nofs l-ispejjez tal-medicini u tal-edukazzjoni[2]. Wara li kien naqas fil-hlas ta' sehmu minn dawk spejjez, l-ewwel Qorti fuq talba tal-attrici ziedet din is-somma ghal €300 sabiex b'hekk tkopri wkoll dawn l-ispejjez[3]; dan wara li l-konvenut kien sahansitra sottometta quddiem dik il-Qorti li t-tfal ghandhom iqattghu hin indaqs mal-genituri sabiex b'hekk l-ebda manteniment ma jkun dovut. Ghalhekk hawn ukoll jerga' jaghmel argument dwar il-hin li t-tfal iqattghu mal-genituri separatament. Hu jghid li jekk wiehed iqis li wara li jinqata' l-hin tal-iskola kien hemm biss differenza ta' madwar 50 jum kontrih fil-granet li t-tfal kienu ser iqattghu mal-omm u mieghu separatament, il-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti kien wiehed hazin ghaliex ghal dawk il-jiem hu ser jispicca jhallas €3600 kull sena sakemm biz-zidiet matul is-snin din kienet ser titla' ghal €6000.

12. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut u tghid li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi tajba u gusta. Dwar il-hin li l-minuri jqattghu mal-genituri rispettivi taghhom, osservat li t-tfal kienu ser iqattghu medja ta' jumejn u nofs kull hmistax ma' missierhom matul is-sena skolastika, u li maghhom kellhom jizdiedu l-granet l-ohra matul is-sena bhal fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena, f'gheluq snin it-tfal u tal-missier stess u f'Jum il-Missier, u fis-sajf

2 Ara Verbal 17 ta' Ottubru 2013 a fol. 22.
3 Ara digriet 9 ta' Dicembru 2015

imbaghad kienu ser iqattghu erbat ijiem kull hmistax mieghu u xi jiem ohra waqt il-festa tar-rahal. B'hekk ikkunsidrat li t-tfal kienu ser iqattghu aktar hin mal-omm milli mal-missier u t-talba tieghu sabiex hu ma jhallasx manteniment ma kinitx gustifikata. Lanqas ma ssib din il-Qorti gustifikata l-allegazzjoni li hu jqatta' biss madwar 50 jum anqas mat-tfal milli kienet tqatta' l-omm. Dan proprju ghaliex sabiex jasal ghal din ic-cifra l-konvenut naqqas il-hin li t-tfal ikunu qeghdin l-iskola. Din il-Qorti ma tistax tqis li fil-hin li t-tfal imorru l-iskola jieqfu l-ispejjez ghall-manteniment taghhom, bhall-xiri u preparazzjoni ta' ikel u xorb ghall-hin li jkunu l-iskola, u wkoll spejjez ohra ghall-edukazzjoni taghhom bhal dawk ta' trasport, kotba, uniformijiet, etc.[4]. Ghalhekk l-argument tal-konvenut hu wiehed hazin u ma jistax jintlaqa'.

13. Dan kollu, jghid il-konvenut, aktar idejqu meta kif jirrizulta mill-provi quddiem l-ewwel Qorti hemm dubju serju u gravi dwar kemm il-manteniment li jhallas imurx ghall-bzonnijiet tal-minuri. Din il-Qorti wara li qieset dawk il-provi, partikolarment id-diversi ricevuti u dokumenti ohra pprezentati mill-attrici in sostenn tat-talba taghha ghall-hlas ta' manteniment ghal uliedhom, ma tistax toqghod lura milli tghid li bla ebda dubju l-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti li jithallas lill-attrici sahansitra lanqas ikopri l-ispejjez relatati mat-trobbija, kura u edukazzjoni ta' ulied il-partijiet.

[4] Ara nota tal-attrici pprezentata flimkien mal-elenku ta' spejjez tal-edukazzjoni tal-minuri ghas-snin 2017-2018.

14. Barra minhekk, u b'aktar enfasi din il-Qorti tosserva li l-oneru u l-piz tat-trobbija tat-tfal jaqa' fuq l-attrici u dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kontribut li l-partijiet qed jaghtu ghat-trobbija tat-tfal.

15. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-aggravju tal-konvenut hu gustifikat u tichdu.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell tal-konvenut billi tichdu u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut fl-intier taghhom.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr